# M I N U T I

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## It-Tmien Leġiżlatura

## Laqgħa Numru 37

28 ta' Lulju 2021

Is-sebgħa u tletin (37) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021 fis-1.30pm. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

Preżenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

Skużati:-

Membri tal-Pubbliku 0

Uffiċjal preżenti :-

Malcolm Agius Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

37.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

37.1.1. Is-Sindku talbet li tiġi skużata il-Viċi Sindku GD sakemm jirnexxielha tidħol għal-laqgħa li kienet qed tinżamm b'mod virtwali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

37.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

37.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sitta u tletin (36) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

37.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

37.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 36.2.8 rigward il-pjanti ta' ħdejn il-Knisja. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mal-ġardinar li kien qala' l-pjanti l-ħżiena kif ukoll tnaddfu wħud mil-planters. Hija qalet li għandhom jinxtraw pjanti oħra sabiex jiġu mħawwla fil-jiem li ġejjin.

37.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

37.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar u Manutenzjoni tal-Knisja fejn offrew lill-Kunsill sabiex jorganizza ħarġa f'Għawdex b'mod konġunt magħhom. Il-Kunsill qabel li tali attività tiġi organizzata b'mod konġunt.

37.3.2. Is-Sindku ressqet komunikazzjoni mingħand Mediatrendz, rigward il-bilanċ pendenti fir-rigward ta' street adverts. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jemenda l-bilanċ hekk kif diskuss.

37.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-President tal-AKL dwar 'Herbert Titz Memorial Prize'.

**Nota: 17:25 Il-Viċi Sindku GD attendiet għal-laqgħa.**

37.3.3.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għalissa għandu jħalli din l-applikazzjoni fil-ġenb.

37.3.4. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Uffiċċju Permanenti tal-Enerġija, Intrapriżi u Sostenibbiltà rigward charging pillars fejn informaw li c-charging pillars kienu ser jiġu installati ħdejn l-Ospizio u fi Triq Vincenzo Dimech.

37.3.4.1. Il-Kunsillier VB ippropona li l-Kunsill jitlob li jsir wieħed quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

37.3.5. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand persuni li ser jiftħu fitness club fil-lokalità. Huma talbu sabiex jagħmlu użu minn Ġnien Vilhena biex ikun jista' jsir taħriġ fiżiku meta jkun temp tajjeb.

37.3.5.1. Il-Kunsill VB wera' t-tħassib tiegħu li tali attività kif ukoll l-istorbju li tista' tiġġenera, jaf iddejjaq lir-residenti tal-madwar. Huwa staqsa kemm-il darba ser ikun hemm attività fil-ġimgħa u jekk il-Kunsill jistax jinforma lir-residenti qabel.

37.3.5.2. Is-Sindku wieġbet li din il-kumpanija diġà kellha permess topera fil-bini tagħha u li jekk ikun hemm mużika, ser ikun hemm biss speaker żgħir. Hija fakkret li l-liġijiet nazzjonali japplikaw ukoll a kwantu ta' storbju u l-ħinijiet li jistgħu jiġu organizzati tali attivitajiet. Is-Sindku qalet ukoll li l-frekwenza tal-organizzazzjoni ta' dawn il-klassijiet tiddependi minn kif ikun it-temp. Żiedet tgħid li l-Kunsill qatt ma jinforma lir-residenti meta tkun ser tiġi organizzata attività simili.

37.3.5.3. Il-Kunsillier VB wera t-tħassib tiegħu ukoll għall-problema ta' parkeġġ li ser tinħoloq. Is-Sindku qalet li dan ma kienx ser jaffettwa għax in-nies xorta kienu qed jiġu ġol-gym, irrispettivament jekk il-klassi kienitx ser tinżamm fil-ġnien jew le.

37.3.5.4. Il-Kunsillier VB qal li qed iqajjem dawn il-punti minħabba li meta jsiru attivitajiet u kunċerti dejjem ikun hemm ilmenti min-nies tal-madwar. Il-Kunsillier JAE qal li dawn il-klassijiet ma setgħux jiġu kkomparati ma' kunċert għax l-ispeaker kien wieħed żgħir u ma kienx ser jikkawża ħafna storbju.

37.3.5.5. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ma jistax jirrestrinġi ruħu u ma jorganizzax korsijiet jew attivitajiet u li jrid jinstab bilanċ. Hija żiedet tgħid li għalhekk dejjem ikun hemm kundizzjonijiet marbuta mal-approvazzjoni tal-Kunsill.

37.3.5.6. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi lil din il-kumpanija b'dan li ġie diskuss.

37.3.6. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Ġewwa. Huma ferħu u rringrazzjaw lill-Kunsill għall-mod kif ġiet organizzata l-attività ta' Jum il-Floriana kif ukoll għar-rikonoxximent tal-ħidma u l-impenn tal-għaqda tagħhom. Il-Kunsill ingħaqad ma' din l-għaqda sabiex jagħti prosit lill-ASE għall-organizzazzjoni tal-attività.

37.3.7. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand MAPFRE Middlesea fejn talbu lill-Kunsill jikkunsidra skont fit-tariffi relatati mal-permessi tal-iscaffolding. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li tingħata konċessjoni, anke ġaladarba din kienet kumpanija stabbilita li jħoss li għandha tagħmel CSR is-sena kollha.

37.3.8. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Maritime Squadron li talbu li jitneħħew ammont ta' spazji ta' parkeġġ u jsiru linji sofor minħabba diffikultà biex jimmanuvraw xi inġenji. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom il-Kunsillier VB sabiex jiddiskutu dan f'iktar dettall.

37.3.9. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-proposta ta' proġett li se jsir mil-Librerija Pubblika. Hija qalet li kien ikun idoneju li kieku talbu qabel li jiltaqgħu mal-Kunsill dwar dan, biss ġaladarba dan ma sarx, kienet qed tipproponi li l-Kunsill jiltaqa' magħhom sabiex jiġi diskuss dan il-proġett. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

37.3.10. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Visit Malta fejn ressqu rikjesta mingħand stabbiliment biex jingħata permess temporanju għal outdoor dining li jinkludi imwejjed u siġġijiet li jitpoġġew quddiem il-ħanut. Il-Kunsill iddiskuta dan u ttieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 4 (DSH, GD, JAE, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (VB)

Din id-deċiżjoni ttieħdet a bażi li dan l-istabbiliment diġà kellu dawn il-konċessjonijiet fi żmien preċedenti, kien hemm lok li dan isir u t-triq kienet ukoll tippermetti. Dan ma jfissirx li kull talba ta' dan it-tip ser tiġi milqugħa iżda kull talba tiġi trattata skont il-każ individwali tagħha.

37.3.11. Is-Sindku DSH ressqet Direttiva 5/2021 fejn informaw kif għandhom jiġu ingaġġati SE ġodda. Il-Kunsill qabel li għandha toħroġ is-sejħa hekk kif stipulat mid-direttiva.

## 37.4 RAPPORTI

37.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 37.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

37.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax titnaddaf iż-żona ta' ħdejn il-Floriana Nursery. Is-Sindku DSH informat li dik iż-żona titnaddaf mil-Cleansing Department. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom sabiex titnaddaf.

37.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jaħsel it-toroq li ma nħaslux. Is-Sindku wieġbet li t-toroq kienu nħaslu kważi kollha biss saru ż-żoni li kellhom l-ikbar problema bil-ħmieġ tal-ħamiem. Minkejja dan qalet li se titkellem il-kuntrattur sabiex il-kumplament jiżdiedu mal-iskeda t'Awwissu.

37.5.3. Il-Kunsillier JAE ippropona li jiżdied xi dawl ħdejn il-Floriana Nursery minħabba li ż-żona kienet kemxejn imdallma. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu l-ewwel jikkonferma jekk il-Kunsill setax jinstalla iktar dawl f'dik iż-żona.

## 37.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

37.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 37.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

37.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 25/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

37.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 37.8 Attività Ġenna ta' Ġonna

37.8.1. Is-Sindku DSH ppproponiet li tali materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss minħabba li xtaqet tiddiskuti dan mal-impjegat responsabbli mill-attivitajiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 37.9 Punti mqajjma mil-laqgħa mal-Community Police

37.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi tat rendikont ta' dak li ġie diskuss matul il-laqgħa li nżammet mal-Community Police fosthom:

37.9.1.1. L-għalf tal-qtates b'mod illegali minn persuna partikolari

37.9.1.2. Proposta biex il-cat cafés jiġu magħluqa b'fence biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu rilokati xi qtates.

37.9.2. Is-Sindku qalet li għandha ssir laqgħa mal-Animal Welfare u l-Community Police sabiex jiġi diskuss x'jista' jsir f'dan ir-rigward.

37.9.3. Is-Sindku qalet li kienet ġiet diskussa l-kwistjoni ta' ikel li kien qed jintefa' b'mod illegali fit-toroq.

37.9.4. Is-Sindku qalet li kienet inġibdet ukoll l-attenzjoni għal parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li kien qed jintuża b'mod irresponsabbli. Din il-materja kienet ġiet imressqa lis-CPRD sabiex issir investigazzjoni min-naħa tagħhom.

37.9.5. Is-Sindku qalet li fil-laqgħa li saret mal-Community Police u mal-Pulizija tad-Distrett, kien tressaq il-punt li kien qed ikun hemm nuqqas ta' koperazzjoni bejn l-uffiċjali tal-Pulizija u l-uffiċjali tal-LESA. Għalhekk kien ġie deċiż li tinżamm laqgħa mal-Pulizija u mal-LESA, sabiex tiġi diskussa triq 'il quddiem.

37.9.6. Il-Kunsillier VB qal li matul din il-laqgħa kienu ssemmew ukoll il-leaflets fejn il-Kunsill kien informa li dawn kienu tqassmu mil-Kunsill stess.

37.9.7. Il-Kunsillier JAE qal li kellu ilment li fi Triq Pietro Floriani, in-naħa ta' Triq San Franġisk, kien qed ikun hemm ammont sostanzjali ta' sigaretti mormija mal-art, possibbilment minn gallariji fiż-żona. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Pulizija dwar dan.

## 37.10 PREMJU ĠIEĦ IL-FLORIANA – POST MORTEM U DATA GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA' ĠIEĦ IL-FLORIANA

37.10.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kien hemm bżonn li tiġi proposta data sabiex jingħata l-Premju ta' Ġieħ il-Floriana. Il-Kunsill qabel li l-għoti tal-premjijiet għandu jsir nhar it-18 t'Awwissu 2021 xil-5pm. Is-Sindku qalet li għandha tiċċekkja jekk humiex disponibbli r-rebbieħa u tinforma lill-Kunsill bl-eżitu.

## 37.11 UPDATE DWAR IL-PROĠETTI FFINANZJATI MIN-NORWEGIAN GRANTS U SKEMA LESA

37.11.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi nformat li fil-jiem li għaddew, kienet inżammet laqgħa flimkien mal-Project Manager u l-Perit sabiex jiġi stabbilit timeline ta' kif ser jimxu l-affarijiet fir-rigward tal-proġett tan-Norwegian Grants.

37.11.2. Hija qalet li l-Project Manager kien ser joħloq abbozz għas-sejħa għall-offerti sabiex din tkun tista' tinħareġ f'qasir żmien. Fir-rigward tal-lift, l-ASE informa li kien qed jistenna risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikun jista' jipproċedi bl-applikazzjoni mal-PA.

37.11.3. Fir-rigward tal-iskema tal-LESA, is-Sindku nformat li kien ser jinħoloq l-abbozz għas-sejħa għall-offerti biex din ukoll toħroġ għall-pubbliku mill-aktar fis possibbli.

## 37.12 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

37.12.1. Il-laqgħa intemmet fit-14.50pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Awwissu 2021 fis-1.30pm.

**Konfermati, illum ____________________________________**

| | |
|---|---|
| **(iffirmati)** | **(iffirmati)** |
| Davina Sammut Hili<br>Sindku | Malcolm Agius<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |